**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum L-Erbgħa, 11 ta' Jannar, 2023**

Numru 16

**Appell Nru. 2/2022**

**Moviment Graffiti, Din l-Art Ħelwa, Friends of the Earth Malta,
The Archeological Society Malta, Żminijietna – Voice of the Left,
Flimkien Għal Ambjent Aħjar, Green House Malta, Rota,
Alison Pullicino, Sonia Tanti, Rita Zammit, Norman Zammit,
Adrian Grima, Josef Buttigieg, Stephanie Buttigieg, Arnold Cassola
vs
L-Awtorita għall-Ambjent u Riżorsi u
l-kjamat in kawża db San Gorg Property Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Moviment Graffiti et, kollha terzi interessati, tat-3 ta' Jannar 2022 mid-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-14 ta' Diċembru 2021 li ċaħad l-appell tal-istess terzi interessati kontra d-deċiżjoni tal-Bord tal-Awtorita għall-Ambjent u r-Riżorsi rigward l-Environmental Impact Assessment bin-numru EA0007/17 li inħareġ fil-konfront tal-applikazzjoni ta' db San Gorg Property Limited rigward "*Proporsed City Centre multi-use development, including excavations of former ITS site & Wesgħet Lewis V.Farrugia/Wesgħet George Portanier, demolition of modern structures, sanctioning of partly demolished non-scheduled building, retention of Grade 2 scheduled buildings and Cold War substation, construction of a*

*5 Star Hotel (386 rooms) Class 3B, 179 residences, commercial office space (Class 4A), shopping mall (Class 4B) and restaurants (Class 4C and 4D) and basement/surface car park"* f'Pembroke u San Ġiljan.

Rat ir-risposta tal-Permit Holder db San Gorg Property Limited li biha talbet lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellanti, għar-raġunijiet imfissra fiha.

Rat ir-risposta tal-Awtorita għall-Ambjent u r-Riżorsi li biha talbet lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellanti, għar-raġunijiet imfissra fiha.

Rat l-atti kollha u semgħat lid-difensuri tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-aggravji preliminari tal-appellanti.

Rat id-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar li dwar l-aggravji li qed jiġu trattati f'din is-sentenza għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "L-Ewwel Aggravju
> Dan l-aggravju jirrigwarda d-dritt ta' smiegh xieraq, bl-appellanti jargumentaw li l-membri tal-Bord tal-ERA kienu gia esprimew ruhhom fuq l-applikazzjoni tal-izvilupp, l-istudji relevanti u l-mitigazzjoni necessarji, u ghaldaqstant dawn ma jistawx jitqiesu li kienu imparzjali. B'mod partikolari ssir referenza ghac-Chairperson tal-Bord tal-ERA il-Profs. Victor Axiak, bl-appellanti jalludu li huwa kien ivvota fl-EIA originali tal-2018 u sussegwentement ivvota favur l-applikazzjoni tal-izvilupp PA03807/17 bhala membru tal-Bord tal-Ippjanar. Fir-risposta tal-ERA jigi ndikat li meta l-EIA oriġinali gie pprezentat quddiem il-Bord tal-ERA f'April 2018, dakinhar ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni mill-Bord ghaliex kien ġie sempliċiment gie ppreżentat għall-informazzjoni biss. L-ERA tindika wkoll li l-aggravju huwa mressaq fil-konfront ta' membru wiehed tal-Bord, ossia l-Profs. Victor Axiak, u mwessa' sabiex jinkludi lil membri kollha tal-Bord bla ebda riservi.
>
> Fir-risposta li saret mill-permit holder tal-PA 3807/17, jaghmel bhala tieghu stess ir-risposta moghtija mill-ERA, u b'zieda ma' dan jargumenta li kemm il-darba l-appellanti kellhom ir-riservi taghhom fuq il-membri dawn kellhom jitqajjmu waqt is-seduta pubblika. Gialadarba dan ma sarx, l-appellanti tilfu d-dritt li jqajmu tali materja f'dan l-istadju. Fis-sottomissjnijiet finali jigi ndikat ukoll li l-Bord tal-ERA ghandu rwol li jissorvelja process ta' parteċipazzjoni pubblika li matulu l-pożizzjoni finali tal-espert tekniċi tal-ERA, ir-rappreżentanza ta' partijiet terzi u l-valutazzjoni li saret mill-esperti u l-koordinatur tal-EIA jigu diskussi u analizzati pubblikament.

It-Tribunal jibda billi josserva li fil-mori ta' dan l-appell saret talba da parti tal-appellanti ghal minuti tal-laqgha fil-maghluq mizmuma mill-Bord tal-ERA fir-rigward tal-EIA originali li gie adottat mill-ERA f'Mejju tal-2018. It-Tribunal jaghmel referenza ghad-digrieti moghtija minnu fl-appell odjern fit-22 t'Ottubru 2021 u fl-appell numru 224/21 fejn sar apprezzament fir-rigward tad-dritt ta' informazzjoni.

B'mod partikolari, it-Tribunal josserva li d-digriet moghti fl-appell numru 224/21 fir-rigward tal-minuti tal-laqgha informali tal-Bord tal-Ippjanar kien unikament ibbazat fuq l-Artiklu 11 tat-Tieni Skeda tal-Kapitlu 552 u zgur mhux ai termini tal-Artiklu 36 tal-Kapitlu 496. It-Tribunal ghal darb'ohra josserva li filwaqt li l-Kapitolu 552 propju jipprovdi ghal laqghat informali, f'dawn il-laqghat m'ghandu jittiehed l-ebda vot fuq applikazzjoni ta' zvilupp, ghaliex dan ghandu jsir esklussivament fil-laqgha fil-pubbliku.

Madankollu, fil-kaz tal-ERA is-sitwazzjoni kienet kemmxejn ambigwa ghaliex ghalkemm l-ERA ndikat li fil-laqgha informali ma ttiehed l-ebda vot, ir-rapport tal-EIA u l-AA li gew ippubblikati f'Mejju 2018 ma jindikaw l-ebda persuna responabbli ghal konkluzjonijiet maghmula, u ghaldaqstant it-Tribunal kien tal-fehma li ai fini ta' trasparanza, il-minuti ta' din il-laqgha nformali kellhom jigu pprezentati, kif finalment sehh.

It-Tribunal jirreferi wkoll ghall-membri tal-Bord li kienu prezent waqt il-laqghat tal-Bord tal-ERA indikati tal-2018 u tal-2021, li huma kif gej:

Laqgha fil-maghluq mizmumu fis-27 t'April 2018:
Prof. Victor Axiak, Chairman (VA)
Prof. Alfred Vella
Mrs. Paula Grech Bonnici
Dr. Helga Buttigieg
Mr. Alan Pulis
Dr. Jason Bonnici
Eng. Simon Mizzi
Mrs. Alexia Pisani
Prof. Alan Deidun

Laqgha fil-miftuh mizmumu fis-23 t'April 2021:
Prof. Victor Axiak, Chairman
Ms. Carmen Buttigieg,
Vici-Chairperson
Prof. Alan Deidun
Dr. Jason Bonnici
Mr. Alan Pulis
Ms. Marika Sammut Dimech
Ms. Alexia Pisani
Prof. Alfred Vella

Illi skont dawn il-minuti jirrizulta li fil-laqgha fil-miftuh tal-2021, kienu biss zewg membri tal-Bord li ma kienux jiffurmaw parti mill-Bord tal-ERA li quddiemu giet ipprezentata l-evalwazzjoni teknika tal-EIA originali adottat fl-2018. Illi

madankollu, ferm aktar important min hekk, il-minuti tal-laqgha fil-maghluq tal-2018 propju jikkonfermaw dak li gie ndikat mill-ERA, ossia li f'din il-laqgha ma kien hemm ebda vot, izda biss diskussjoni tal-konkluzjonijiet tal-EIA. Dak li jirrizulta min dawn il-minuti huwa li wara li saret prezentazzjoni tal-evalwazzjoni teknika tal-esperti fi hdan l-ERA, u sar skutinju tal-konkluzjonijiet maghmula fir-rapport fuq l-EIA il-membri gew mitluba jibghatu s-sottomissjonijiet taghhom fi zmien definit ta' inqas min gimgha.

Illi hekk kif gie ndikat fl-ewwel risposta tal-ERA "meta l-EIA oriġinali tela' quddiem il-Bord tal-Awtorità, f'April 2018, ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni mill-Bord, iżda sempliċiment kien ġie ippreżentat għall-informazzjoni biss. Illi l-preżentazzjoni tal-EIA mid-Direttorat lil Bord bl-ebda mod ma impinġiet fuq l-imparzjalità ta' dawk il-membri li sussegwentament ġie ppreżentat quddiemhom l-EIA għad-deċiżjoni f'April 2021" [Enfasi mizjuda] u "li kieku veru l-appellanti kienu mħassbin b'dan il-konċern, setgħu faċilment ressqu tali lanjanza kemm mal-membru li jirrappreżenta lil uħud mill-appellanti stess fuq il-Bord tal-Awtorità jew saħansitra a tempo vergine quddiem il-Bord stess waqt il-laqgħa li saret fil-pubbliku, fejn għalkemm kienu preżenti numru ta' membri tal-pubbliku inkluż uħud mill-appellanti, ma għamlu l-ebda intervent." . Di fatti, hekk kif gie ndikat fir-risposta finali tal-ERA, mill-minuti tal-laqgha tal-Bord jirrizulta li "The Chairman then opened the discussion to members of the public. There were no interventions from the public."

Illi hekk kif gie ndikat mill-ERA, il-valutazzjoni finali maghmula min din l-Awtorita` fl-2018 fir-rigward tar-rapport tal-EIA ma kienux jinkludu laqgha fil-pubbliku. It-Tribunal hawnhekk josserva li fl-imsemmi perjodu, il-process tal-EIA kien regolat bl-Avviz Legali 412 tal-2017 li skont regolament 23(1) kien jesigi hekk kif gej fir-rigward tal-valutazzjoni finali tal-ERA:
"L-Awtorità għandha tanalizza r-rapport tal-VIA konkluż u għandha tħejji l-valutazzjoni finali tagħha. Din il-valutazzjoni finali għandha tkun disponibbli pubblikament fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità. Għandu jsir riferiment adegwat għal din il-valutazzjoni finali fir-rapporti kollha rilevanti dwar l-applikazzjoni għall-permess, li jitħejja mill-awtorità responsabbli mill-permessi skont id-dispożizzjonijiet tal-liġijiet rilevanti."

Illi b'kuntrast mal-valutazzjoni finali li saret mill-ERA fl-2018, fil-kaz tal-valutazzjoni finali tal-EIA aggornat fl-2021 kien approvat mill-Bord tal-ERA waqt laqgha mizmuma fil-pubbliku. Dan sehh in vista li regolament 23(1) tal-Avviz Legali 412 tal-2017 gie emendat bl-Avviż Legali 455 tal-2020, liema regolament jaqra kif gej: "L-Awtorità għandha tanalizza r-rapport tal-VIA konkluż u għandha tħejji l-valutazzjoni finali tagħha.

L-Awtorità għandha tieħu deċiżjoni fil-pubbliku u tagħti l-opportunità lill-applikant u lill-pubbliku biex jagħmlu kummenti u rappreżentazzjonijiet. Il-pożizzjoni tal-Awtorità għandha tkun disponibbli pubblikament fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità mingħajr dewmien u mhux aktar tard minn ħmistax (15)-il ġurnata minn meta tkun ġiet finalizzata. Bla ħsara għar-regolament 32A, ir-rapporti kollha rilevanti dwar l-applikazzjoni għall-permess li jitħejjew mill-awtorità responsabbli mill-permessi skont id-dispożizzjonijiet tal-liġijiet

rilevanti għandhom jinkludu kunsiderazzjoni xierqa tal-pożizzjoni tal-Awtorità, u riferiment ċar għaliha.”

Illi ghaldaqstant it-thassib imqajjem mill-appellanti, fir-rigward tal-partecipazzjoni tac-Chairperson tal-Bord tal-ERA il-Profs. Victor Axiak jew xi membru iehor tal-Bord li allegatament wasslet ghal vot li jonqos mill-imparzjalita` u nfluwenza fuq il-membri l-ohra tal-bord, fil-fehma tat-Tribunal m’huwiex fis-sew. Dan ghaliex mill-atti ta’ dan l-appell, inkluz il-minuti tal-laqgha fil-maghluq ma jirrizultax li l-Profs. Axiak jew xi membri ohra tal-bord b’xi mod ippronunzjaw ruhhom fir-rigward ta’ jekk l-imsemmi rapport tal-EIA ghandux jigi adottat o meno.

Illi madankollu, it-thassib imqajjem mill-appellanti jestendi lil hinn mill-attendenza tal-Profs. Victor Axiak fil-Bord tal-ERA li quddiem gewipprezentati l-konkluzjonijiet tal-EIA fl-2018. Dan ghaliex it-hassib fuq l-imparzjalita` tal-Profs. Axiak tqajjem ukoll minhabba l-fatt li huwa kien membru tal-Bord tal-Ippjanar u vvota favur l-izvilupp originali approvat fl-applikazzjoni PA03807/17. Ghaldaqstant, it-Tribunal huwa obbligat jistharreg jekk kienetx korretta il-pozizzjoni ta’ Profs. Axiak li jippartecipa fil-laqgha tal-Bord tal-ERA tal-2021, hekk kif sar minnu stess u membri ohra tal-Board tal-Ippjanar qabel il-laqgha fil-pubbliku li fiha giet approvata l-proposta emendata pprezentata fl-applikazzjoni PA03807/17.

It-Tribunal josserva li l-Artikolu 63 tal-Kapitolu 552 propju jirregola kif ghandu jigi mwaqqaf il-Bord tal-Ippjanar, b’sub-artikolu (1) jindika li l-membri tal-bord ghandhom jigu mahtura mill-Ministru, sub-artikolu (2) jindika kif il-membri ta’ dan il-bord ghandhom ikun maghzula u mqasma, inkluz li l-Bord tal-Ippjanar ghandu jinkludi “membru li jirrappreżenta l-Awtorità ta’ Malta dwar l-Ambjent”.

Illi l-kariga u l-irwol tieghu bhala Chairperson tal-ERA hija wahda ben diversa li hija regolata bil-Kapitolu 549, b’taqsima III ta’ dan il-Kapitolu jindika li “Qiegħda b’dan titwaqqaf awtorità, li tkun magħrufa bħala l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, li tkun magħmula minn mhux anqas minn tmien u mhux aktar minn għaxar membri, li wieħed minnhom ikun iċ-Chairperson tal-Awtorità.” u “Iċ-Chairperson tal-Awtorità għandu jintgħażel mill-Ministru minn fost il-membri indipendenti tal-Awtorità.”

In vista tas-suespost, jirrizulta li l-irwol tal-Profs. Axiak bhala rapprezentant tal-ERA fuq il-Bord tal-Ippjanar m’huwiex dipendenti fuq l-irwol ta’ tieghu bhala Chairperson tal-ERA, ghaliex il-hatra ta’ rapprezentant tal-ERA fuq dan il-Bord tal-Ippjanar taqa` fir-responsabbilta` tal-Ministru kkoncernat li fil-Kapitlu 552 tal-Ligijiet ta’ Malta jithalla fil-liberta` kollha li jaghzel ir-rapprezentant ta’ l-ERA li jidhirlu hu. Ir-rapprezentant tal-ERA fuq dan il-Bord tal-Ippjanar hija spjegat f’aktar dettall fit-tielet aggravju kkunsidrat fl-appell numru 224/21. In vista ta’ dawn il-kunsiderazzjonijiet, jirrizulta li l-partecipazzjoni tal- Profs. Axiak fid-decizjoni originali tal-applikazzjoni tal-izvilupp PA 3807/17 hija wahda regolata ai termini tal-Artikolu 63, u saret fil-kapacita` tieghu bhala rapprezentant tal-Awtorità ta’ Malta dwar l-Ambjent. Hawnhekk it-Tribunal jerga’ jaghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell fl-appell numru 9/2019, li fir-

rigward tall-pozizzjoni ta' membru tal-Bord ta' l-Ippjanar bhal rapprezentant ta' xi entita', tikkonferma s-suespost billi tindika is-segwenti:

"L-entita li innominatu hi libera li tesprimi ruhha pero l-membru jrid jqis ruhu bhala indipendenti u jiddeciedi skont ma jqis li hu gust ghall-izvilupp propost anki jekk din tmur kontra l-opinjoni jew fehma tal-enti li minnha jigi appuntat jew nominat."

It-Tribunal jaghmel referenza wkoll ghall-kunsiderazzjonijiet maghmula minnu fl-ewwel aggravju tal-appell numru 224/21 li jirrigwardaw ir-rikuza tal-membri tal-Bord tal-Ippjanar li kienu membri tal-Bord kif diversament kompost fid-decizjoni originali tal-approvazzjoni tal-izvilupp PA 3807/17, li kienet tinkludi r-rikuza tal-Profs. Axiak. B'mod partikolari it-Tribunal josserva li parti mit-thassib imqajjem mill-appellanti fl-imsemmi aggravju kien jalludi li l-membri koncernati kienu sfurzati li jirrikuzaw ruhhom, allegazzjoni li ma kienetx sostnuta. Illi jirrizulta li waqt zewg laqghat informali tal-Bord tal-Ippjanar giet diskussa d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell 9/2019 u b'mod specifiku giet diskussa l-kwistjoni tar-rikuza waqt it-tieni laqgha nformali, u jidher li ghalkemm ma saret l-ebda pressjoni fuq il-membri koncernati, tali diskussjoni kienet importanti sabiex il-membri koncernati jkunu ben konsapevoli tal-intendiment tal-Qorti, u jiehdu decizjoni nfurmata.

Illi minghajr ma' dan it-Tribunal jidhol fil-merti tar-rikuza o meno ta' dawk il-membri tal-Bord tal-Ippjanar li kienu jiffurmaw parti mill-Bord tal-Ippjanar kif diversament kompost fid-decizjoni originali tal-approvazzjoni tal-izvilupp PA 3807/17, fil-fehma ta' dan it-Tribunal l-appellanti qed jestendu b'mod esagerat id-direzzjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-appell bin-numru 9/2019 fejn gie ndikat illi: "dan il-gudikat ghandu jservi ta' gwida ghal membri kollha fil-Bord biex iqisu sew jekk il-pozizzjoni taghhom hix tenibbli fl-aggudikazzjoni mill-gdid ta' dan il-progett meta l-kwistjoni terga' tigi quddiemhom u ma issirx ripetizzjoni ta' dan l-episodju tenut kont li gia esprimew ruhhom fuq il-kwistjoni."

Illi b'zieda mal-premess, ma jirrizultax li l-Profs. Axiak ghandu xi kunflitt ta' nteress skont kif definit fil-Kapitoli 549 u 552 tal-ligijiet ta' Malta. Barra min hekk, wiehed irid japprezza wkoll li hekk kif gie ndikat mill-applikant, l-irwol tal-Bord tal-ERA m'huwiex li japprova l-izvilupp izda li jissorvelja process ta' parteċipazzjoni pubblika fil-process tal-EIA. Tali distinzjoni hija ferm cara fil-legislazzjoni sussidjarja 549.46, b'din tiddefinixxi "valutazzjoni tal-impatti ambjentali" bhala: "tfisser il-proċess li jidentifika, ibassar, jivvaluta, jevita u jtaffi l-effetti ambjentali rilevanti ta' proġetti u interventi fiżiċi proposti qabel ma jsiru d-deċiżjonijiet u l-impenji rilevanti, u tinkludi, kif indikat f'aktardettall f'dawn ir-regolamenti: (a) it-tħejjija ta' rapport tal-VIA mill-iżviluppatur; (b) it-twettiq ta' konsultazzjonijiet, fosthom konsultazzjonijiet ma' entijiet tal-Gvern u mal-pubbliku interessat; (ċ) l-analiżi, mill-Awtorità, tar-rapport tal-VIA u ta' kull informazzjoni supplementary pprovduta jew riċevuta, mingħand l-iżviluppatur jew permezz ta' konsultazzjonijiet; (d) il-konklużjoni motivate tal-Awtorità dwar l-effetti sinifikattivi tal-proġett fuq l-ambjent, filwaqt li jitqiesu r-riżultati tal-analiżi msemmija fil-paragrafu (ċ) u l-analiżi supplimentari tagħha stess; u (e) l-integrazzjoni tal-konklużjoni motivate tal-Awtorità fid-deċiżjoni dwar il-proġett jew f'xi deċiżjoni oħra rilevanti"

Illi min din id-definizzjoni huwa car li dak li jigi deciz mill-ERA fil-process tal-EIA huwa li jkun hemm konsapevolezza tal-effetti tal-proġett partikolari fuq l-ambjent, u finalment ikun hemm l-integrazzjoni tal-konklużjoni motivate tal-ERA fid-deċiżjoni dwar l-dak l-izvilupp, inkluz dawk il-mitigazzjonijiet identifikati bhala essenzjali sabiex jitnaqqsu tali effetti. Illi ghaldaqtant l-irwol tal-Prof. Axiak bhala membru taz-zewg bordijiet, ossia Chairman tal-Bord tal-ERA, u membru tal-Bord tal-Ippjanar, huwa wiehed distint u l-ghaldaqstant kwalunkwe opinjoni espressa f'wiehed min dawn il-bordijiet ma tfissirx li ghandha influwenza fuq l-opinjoni li dan l-istess persuna ghandu jesprimi fuq il-bord l-iehor. Ghal dawn il-motivi, ma jirrizultax li l-partpecipazzjoni tal-Profs. Axiak u membri ohra tal-Bord li kien jiffuraw parti mill-Bord tal-2018 tammonta ghal xi lezjoni fuq id-dritt tal-appellanti ghal smiegh xieraq, u ghaldaqstant l-aggravju qed jigi michud.

It-Tieni Aggravju
Dan l-aggravju jirrigwarda allegat kunflitt ta' nteress ta' wiehed mill-konsulenti nvoluti fil-process tal-EIA, bl-appellanti jindikaw li l-inginier Marco Cremona li ghamel l-istudju ta' Ghar Harq Hamiem kellu ness mal-applikant u persuni ohra nvoluti fil-progett, u ghaldaqstant ghandu kunflitt ta' nteress, bi ksur ta' regolament 17(2) tal-ligi sussidjarja 549.46.

Illi dan it-Tribunal jirreferi ghar-regolament 17(2) tal-legislazzjoni sussidjarja 549.46 liema regolament jiddisponi kif gej:
"(2) Il-konsulenti involuti fil-preparazzjoni tar-rapport tal-VIA għandhom ikunu professjonisti, indipendenti u imparzjali, u għandhom ikunu esperti kompetenti kif suppost l-oqsma rispettivi tal-valutazzjoni. Il-konsulenti għandhom ikunu reġistrati skont id-dispożizzjonijiet tal-Att ġaladarba dak il-mekkaniżmu ta' reġistrazzjoni jkun ġie fis-seħħ, u għandhom ukoll isegwu r-regolamenti, proċeduri, regoli u linji gwida stabbiliti mill-Awtorità u mill-Bord ta' Reġistrazzjoni. Il-konsulenti għandhom jitmexxew u jkunu ġestiti minn koordinatur, li għandu jkun responsabbli għall-kontenut globali u l-preżentazzjoni tar-rapport tal-VIA."

It-Tribunal jibda billi josserva li l-process kollhu tal-EIA kien originarjament gie maghluq fl-2018 qabel l-approvazzjoni tal-izvilupp originarjament approvat fl-2018, izda kif gie ndikat mill-ERA u l-permit holder tal-PA 3807/17, sussegwenti ghall-ordni tar-revoka tal-permess kif ordnat mill-Qorti tal-Appell fl-appell bin-numru 9/2019, gew sottomessi pjanti riveduti li juru tnaqqis fl-iskala tal-izviluppu. Konsegwentament u in linea ma' regolament 24(3) tal-Ligi Sussidjarja 549.46, l-ERA talbet dikjarazzjoni bil-miktub mill-koordinatur tal-EIA, kif ukoll aġġornament tad-dokumentazzjoni dwar l-EIA u l-Appropriate Assessments (AA). Illi din id-dikjarazzjoni giet mahruga mill-koordinatur tal-EIA in vista tal-proposta ridotta li giet ipprezentata quddiem l-Awtorita` tal-Ippjanar fl-applikazzjoni PA03807/17, b'din id-dikjarazzjoni tindika li "The downscaling of the development would evidently result in a reduction in the significance of the environmental impacts identified and assessed in the EPS, with respect to specific aspects. One can safely argue that the level of significance of the environmental impacts in connection with land/sea use and cover, the landscape, geology and geomorphology, hydrology, ecology, and

cultural heritage would be more or less the same for both proposals. On the other hand, lower levels of significance are to be expected with respect to visual amenity, air quality, noise/vibration, GHG emissions, and wind climate/pedestrian comfort. This said, the changes should not affect the conclusions presented in the Summary of Impacts volume of the original EPS. It should be noted that cultural heritage assets discovered during the works will be retained and integrated in the over-all complex."

Illi ma jirrizultax li din id-dikjarazzjoni hija bbazata fuq xi studji addizzjonali li saru mill- inginier Marco Cremona sussegwenti ghad-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell, u ghaldaqstant jirrizulta li t-thassib fir-rigward tal-imparzjalita` tal-inginier Marco Cremona hija fil-konfront tal-EIA originali li kien gie konkluz f'Mejju tal-2018. Illi l-permit holder tal-PA 3807/17 jindika li l-partijiet tar-rapport tal-EIA li ghalihom l-Inginier Marco Cremona huwa responsabbli huma "sections in the Coordinated Assessment Report of the EIA which discuss the joint contributions of Perit Philip Grech and Inġ Marco Cremona:

Chapter 3
Section 3.5.3 on page 153 et seq

Chapter 4
Section 4.1.4/A on page 285 et seq

Chapter 5
Section 5.1.2/A on page 373 et seq"

It-Tribunal josserva li ma kien gie mressaq l-ebda appell fil-konfront tal-process tal-EIA originali li kien gie konkluz f'Mejju tal-2018, izda dan it-Tribunal japprezza l-fatt inkontestat li dak li hemm indikat fid-dikjarazzjoni tal-koordinatur tal-EIA hija intrinsikament marbuta ma' dawk l-istudji u l-konkluzjonijiet li saru fl-EIA originali, u ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma li kwalunkwe thassib imqajjem mill-appellanti fil-konfront tal-process kollu ta' dan il-EIA ghandu jigi mistharreg.

Illi dak li jidher li qed jigi kkontestat mill-appellanti jirrigwarda in-nuqqas t'imparzjalita` tal-konsulent inginier Marco Cremona, u fir-rigward ta' dan, l-appellanti issottomettew provi fil-forma ta' estratti mill-gazzetti lokali u pubblikazzjoni maghmula mill-istess inginier fuq il-pagna tieghu tal-Facebook. Illi fir-risposta tal-ERA jigi ndikat li din l-Awtorita` tistrieh fuq is-self declaration tal-konsulenti fil-process tal-EIA skont kif espress fis-sub-regolamenti 17(2) u 17(3) tal-Ligi Sussidjarja 549.46, liema dikjarazzjoni giet sottomessa mill-konsultent in kwistjoni u li fl-ebda mument waqt id-diversi stadji tal-process tal-EIA kif ukoll waqt il-laqgha tal-Bord tal-Ippjanar ma gie mqajjem thassib fuq l-istess. L-ERA tindika wkoll li l-istudji dwar l-idrologija u l-ilma, li jiffurmaw parti mir-rapport tal-EIA, saru flimkien ma' konsulent iehor il-Perit Philip Grech.

It-Tribunal jibda billi josserva li (i) r-rapport dwar l-ilma u l-idrologija datat 31 t'Awwissu 2017 gie pprezentat mill-inginier Marco Cremona flimkien mal-Perit Philip Grech u kien jifforma parti mill-EIA originajmanet adottat fl-2018; u (ii) l-estratti mill-gazzetti lokali pprezentati bhala prova fir-rigward tat-thassib

imqajjem fir-rigward tal-imparzjalita` tal-inginier Marco Cremona jirrigwarda artikli ppublikati bejn l-2012 u l-2018 li ghalhekk kienu jinsabu fid-dominju pubbliku.

Illi l-appellanti jaghmlu referenza specifika ghall-estratti segwenti:

Artiklu datat 20 ta' Lulju tal-2012
Silvio Debono for the hotel said the RO plant had always been there. The hotel has now invested in recycling through the help of Marco Cremona and it intends to clean and filter used water so that it can even be drank. As regards some comments that had been made on a cesspit, this in truth is a holding tank, rather than a cesspit. "

Artiklu datat 12 ta' Marzu tal-2018
"A contract was also signed with the db SeaBank Hotel which accepted to buy and use the recycled water, subject to HOTER Ltd getting a permit from the public health authorities.

Artiklu datat 20 ta' Marzu tal-2018
He also signed a contract with the Seabank hotel which was ready to pay him for the water he produced. In fact this commercial plant was and still is at the Seabank hotel.

Illi l-estratti tal-artikli supra-citati jaghmlu referenza ghal kuntratt bejn HOTER Ltd u db SeaBank Hotel fir-rigward ta' xiri u uzu ta' ilma riciklat, liema kuntratt (skont l-istess artikli) kien soggett ghal permessi relattivi min-naha tal-awtoritajiet tas-sahha.

It-Tribunal josserva li l-enfasi maghmula mill-appellanti hija ferm selettiva ghaliex dawn jonqsu milli jaghmlu referenza ghat-titlu tal-istess artiklu u l-quotes principali fl-artiklu ppublikat fil-gazzetta Voice of the Workers Weekly tal-20 ta' Marzu tal-2018:

"I closed shop because I lost all motivation" – Engineer Marco Cremona
When I started contacting people about the necessary permits, doors started being shut in my face."
"Engineer Cremona is still without a permit to implement his idea."

B'referenza ghal dawn l-estratti jirrizulta li anke sa wara li gie pprezentat l-istudju fuq l-ilma u l-idrologija f'Awissu tas-sena 2017 dan il-progett kien ghadu ma giex implimentat kif xtaq l-Inginier Cremona u mill-atti ma jirrizultax li dan twettaq sal-gurnata tal-llum.

In vista tas-suespost, similarment ghal dak li gie argumentat fir-risposta tal-ERA u tal-permit holder, it-Tribunal jesprimi t-thassib tieghu kif l-attakk maghmul mill-appellanti fir-rigward tal-imparzjalita` tal-konsulent inginier Marco Cremona qed jitqajjem f'dan l-istadju, u dan meta l-informazzjoni fir-rigward tar-relazzjoni bejn l-inginier Marco Cremona u l-lukanda db Seabank Resort & Spa kienet fid-dominju pubbliku sa min kmieni fis-sena 2012.

Illi tajjeb li jigi ssottolinjat li l-approvazzjoni tal-EIA aggornat saret waqt laqgha pubblika quddiem il-Bord tal-ERA mizmuma fit-23 t'April 2021, u ghal din il-laqgha saru diversi reklami fil-gazzetti lokali u fil-fatt kienu mistiedna jattendu uhud mill-appellanti partecipi fl-appell odjern li kienu persuni nteressati fil-process tal-EIA.

Illi f'dan ir-rigward, l-ERA esprimiet li "Danakollu jwassal għall-assunzjoni li t-tattika li qegħdin jużaw l-appellanti hija li jżommu karta fil-komma bit-tama li jivvizjaw process sħiħ b'mod reattiv, minflok jippruvaw iressqu ġenwinament it-tħassib tagħhom fil-ħin u b'mod proattiv. Il-proċess tal-EIA mhux sabiex iwaqqaf l-iżvilupp imma sabiex jinforma l-iżvilupp u jimmitiga l-impatti potenzjali. Ir-responsabbilità tal-proċess tal-EIA mhijiex biss fuq l-awtorità kompetenti imma hija wkoll fuq l-istakeholders li jkunu kkonsultati f'diversi stadji u mill-bidu nett tal-proċess tal-EIA. Illi tali aġir da parti tal-appellanti għandu jiġi imċanfar u dan proprju għaliex l-idea tal-konsultazzjonijiet pubbliċi li tagħmel l-Awtorità  huwa sabiex jiġi ammeljorat il-proċess tal-EIA fl-intier tiegħu."

Illi hawnhekk jigi osservat ukoll li l-process tal-EIA huwa wiehed li jinkludi diversi stadji, b'dawn principarjament jinkludu sottomissjoni ta' Project Description Statement (PDS), hrug ta' Terms of Reference min-naha tal-ERA, sottomissjoni, konsultazzjoni u valutazzjoni tal-EIA, u finalment evalwazzjoni min-naha tal-ERA li hafna drabi tkun tinkludi rakkomandazzjonijiet u kundizzjonijiet li jigu elenkati mal-permessi relattiv. Illi ghaldaqstant it-Tribunal ukoll huwa tal-fehma li kemm il-darba l-appellanti kellhom thassib fuq l-imparzjalita` tal-inginier Marco Cremona, huma setaw facilment iressqu tali lanjanza fid-diversi stadji tal-process tal-EIA, li kien jinkludi konsultazzjoni pubblika f'diversi stadji, kif ukoll waqt il-laqgha tal-Bord tal-ERA, u li tali approcc kien jkun ferm aktar kostruttiv. Certament li ma jistax jintqal li r-relazzjoni bejn l-inginier Marco Cremona u l-applikant ma kienetx maghrufa, ghax din jirrizulta li kienet fid-dominju pubbliku sa mill-2012.

Illi l-appellanti jaghmlu referenza ghal cirkuztanzi identici fl-appell numru 149/19 deciz min dan it-Tribunal kif diversament kompost, filwaqt li fir-risposta tal- permit holder tal-PA 3807/17 jigi argumentat li c-cirkuztanzi ta' l-appell citat bla ebda mod ma' huma identici ta' dawn tal-kaz odjern.

Il-permit holder tal-permess mertu ta' l-appell odjern (rigward il-PA 3807/17) josserva li fl-2012 il-lukanda Seabank kienet esprimiet interess fil-progett ta' ricerka mniedi mill-inginier Marco Cremona, u li dan il-progett qatt ma ta' l-frott mixtieq ghaliex qatt ma gie licenzjat. Il-permit holder jaghmel referenza ghal tlett sentenzi moghtija, bl-ewwel sentenza tkun dik moghtija mit-Tribunal kif diversament kompost fl-appell numru 149/19 li ghaliha jaghmlu accenn ukoll l-appellanti, u t-tieni sentenza tkun dik moghtija mill-Qorti tal-Appell fir-rigward tal-permess tal-izvilupp PA 3807/17. It-tielet sentenza hija dik moghtija mill-Qorti tal-Appell fir-rigward tal-appell bin-numru 44/2019 u fil-fehma ta' dan it-Tribunal m'hijiex relevanti ghal kwistjoni imqajjma f'dan l-aggravju li principarjament tirrigwarda l-imparzjalita` tal-kunsultent inginier Marco Cremona. Dan ghaliex l-imsemmija sentenza tirrigwarda studju li ma kienx jifforma parti mill-process tal-EIA, haga li ma tistax tinghad ghal kaz odjern,

ghaliex huwa fatt inkontestat li r-rapport tal-inginier Marco Cremona jifforma parti mill-process tal-EIA.

Illi fir-rigward tal-appell numru 149/19 deciz min dan it-Tribunal kif diversament kompost, it-Tribunal josserva li dan kien jirrigwarda kwistjoni ta' nullitá tal-EIA li sar ghal l-izvilupp approvat fl-applikazzjoni PA09407/17, anke f'dan il-kaz rigwardanti kwistjoni ta' kunflitt ta' nteress. Izda kif gie rilevat mill- permit holder tal-PA 3807/17, ic-cirkuztanzi fl-imsemmi kaz certament ma kienux identici ghal kaz odjern, ghaliex fl-imsemmi kaz kien irrizulta li l-espert indikat kien "iben wieħed mid-diretturi tas-soċjetá MIDI plc u li tramite d-ditta peritali tiegħu huwa rrenda diversi servizzi professjonali lill-istess MIDI plc inkluż il-proġett ta' Manoel Island."

Illi fir-rigward tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-appell numru 9/2019, it-Tribunal josserva li hekk kif gie ndikat fl-ewwel aggravju tal-appell numru 224/21, il-Qorti kienet indikat li wiehed mill-membri tal-Bord kellu kunflitt ta' nteress fil-progett minhabba li "kien f'pozizzjoni li jdahhal commission minn bejgh ta' proprjeta tramite l-agenzija tieghu liema proprjeta kienet ghadha tifforma parti minn progett li ma kienx ghadu approvat u li l-approvazzjoni tieghu kienet tiddependi wkoll mill-vot tieghu fuq il-Bord tal-Awtorita".

It-Tribunal huwa tal-fehma li fil-kaz odjern, ic-cirkustanzi huma ferm diversi ghaliex jirrizulta li r-relazzjoni ta' l-inginier Marco Cremona mal-applikant tammonta biss ghal kollaborazzjoni li saret fil-passat bejnu u l-lukanda db Seabank Resort & Spa. Illi huwa minnu li l-permit holder tal-PA 3807/17 huwa wiehed mid-Diretturi tal-lukanda db Seabank Resort & Spa, izda ma jirrizultax li l-inginier Marco Cremona ghandu xi nteressi sabiex l-izvilupp approvat fl-applikazzjoni odjerna jsehh sabiex huwa jkollu xi gwadann finanzjarju minnu jew xi interess iehor fl-izvilupp. Di fatti, mill-provi sottomessi jirrizulta li l-progett ta' ricerka tal-inginier Marco Cremona li jgib l-isem ta' LEED, kien wiehed intiz sabiex jipprovdi soluzzjoni ghal uzu mill-gdid tal-ilma utilizat fil-lukandi, izda wara diversi snin dan il-progett ta' ricerka ma sabx is-sostenn tal-Awtoritajiet kompetenti u l-inginier Marco Cremona sahansitra iddikjara pubblikament li huwa m'huwiex ser ikompli jahdem fuq dan il-progett. Li l-inizjattiva li ghaliha l-lukanda db Seabank Resort & Spa ippartecipat billi pprovdiet l-opportunita` sabiex espert fil-qasam ikun jista` jaghmel progett ta' ricerka tigi deskritta bhala kunflitt ta' nteress, fil-fehma ta' dan it-Tribunal tammonta biss ghal opinjoni dispreggativa fil-konfront tal-inginier Marco Cremona, aktar u aktar meta wiehed jikkunsidra li dan il-progett ta' ricerka llum ma ghadhux fis-sehh minhabba li dan ma giex approvat mill-awtoritajiet kkoncernati. Dan aktar u aktar meta jigi kkunsidrat li dan il-progett ta' ricerka ma kienx limitat biss ghal lukanda db Seabank Resort u sahansitra kienu gew ottenuti fondi mill-Kunsill Malti ghax-Xjenza u t-Teknologija, kif jirrizulta mill-estratt segwenti:

"Marco Cremona explained that he had obtained €109,000 funding from the Malta Council for Science and Technology (MCST) to carry out research. With these funds he built a prototype that he operated at the Radisson Golden Sands hotel from 2008 to 2009. The Engineer did not embark on this project alone. He teamed up with German specialists who provided the technology,

Island Group who offered their site as a testing site and the Department of Public Health."

Finalment, it-Tribunal ghal darb'ohra josserva li kif gie ndikat mill-ERA, il-konsulenza tal-inginier Marco Cremona saret flimkien mal-Perit Philip Grech, liema persuna ma jirrizulta li tqajjem l-ebda thassib fir-rigward tal-integrita` u l-imparzjalita` tieghu. Illi lanqas ma jirrizulta li tqajjem xi thassib fir-rigward tal-kompetenza tal-inginier Marco Cremona, ghaliex it-thassib imqajjem f'dan l-aggravju huwa sempliciment iffukat fuq il-kwistjoni ta' kunflitt ta' nteress, u li fil-fehma ta' dan it-Tribunal, din ma tezistix.

Ghaldaqstant dan l-aggravju qed jigi michud."

**Ikkunsidrat**

**L-Ewwel Aggravju**

L-appellanti jilmentaw li d-deċiżjoni appellata għandha tiġi rrevokata għaliex wieħed mill-membri tat-Tribunal, u ċioe Alexander Zammit, huwa impjegat tal-Awtorita tal-Ippjanar li kienet parti fl-appell, u ma żvelax tali posizzjoni, b'mod li b'hekk sofrew ksur tad-dritt tagħhom għal smigħ xieraq u l-prinċipju ta' ġustizzja naturali *nemo iudex in causa propria.* L-appellanti jargumentaw li minn email mibgħuta mill-Awtorita tal-Ippjanar fit-23 ta' Diċembru 2021 bħala risposta għal talba għal aċċess għall-informazzjoni rriżulta li Alexander Zammit kien u għadu impjegat mal-Awtorita tal-Ippjanar billi kien qiegħed fuq *unpaid leave,* fatt li ma kienx magħruf lilhom matul il-kors tal-appell, u jżidu illi li kieku kien jafu b'dan kienu jitolbu r-rikuża tal-istess Zammit. L-appellanti jsostnu li dan ifisser li l-introjtu u l-opportunitajiet ta' avvanz fil-karriera ta' Zammit huma assikurati mill-Awtorita tal-Ippjanar ġaladarba jista' jkompli jaħdem magħha kif jispiċċalu l-*unpaid leave* u għalhekk meta kien membru tat-Tribunal li ddeċieda l-appell in kwistjoni huwa kien qiegħed jilbes żewġ kpiepel fl-istess ħin, minkejja li kull membru tat-Tribunal suppost kellu jkun totalment indipendenti u distakkat mill-partijiet. Isostnu li skont l-artikolu 3 tal-Kapitolu 551 tal-Liġijiet ta' Malta it-Tribunal għandu jkun indipendenti u imparzjali, iżda l-fatt li wieħed mill-membri tiegħu huwa impjegat ta' waħda mill-partijiet fl-appell iqajjem dubbji kbar dwar l-indipendenza u l-imparzjalita tal-istess Tribunal. Jargumentaw li peress li appell quddiem din il-Qorti mid-deċiżjonijiet tat-Tribunal jistgħu isiru biss fuq punti ta' liġi, punti ta' fatt jiġu deċiżi finalment mit-Tribunal u għalhekk huwa kruċjali li ma jkun hemm l-ebda dubju dwar l-imparzjalita tal-membri kollha tat-Tribunal li jista' jippreġudika d-dritt ta' smigħ xieraq.

Is-soċjeta db San Gorg Property Limited twieġeb li dan l-aggravju tal-appellanti huwa msejjes fuq informazzjoni u dati żbaljati. Fit-trattazzjoni r-rappreżentant tas-soċjeta applikanti issottometta li r-raġuni li ngħatat għat-terminazzjoni ta' impjieg ta' Alexander Zammit hija irrelevanti, u dak li huwa importanti hu li bħala stat ta' fatt l-impjieg tiegħu ġie terminat.

L-Awtorita għall-Ambjent u r-Riżorsi twieġeb li mhuwiex minnu li Alexander Zammit huwa jew qatt kien impjegat tal-Awtorita għall-Ambjent u r-Riżorsi. Targumenta li hija m'għandhiex kontroll fuq il-ħatriet tal-membri tat-Tribunal peress li dawn il-membri jiġu maħtura mill-President li jaġixxi fuq il-parir tal-Prim Ministru bis-saħħa tal-artikolu 4 tal-Kapitolu 551 tal-Liġijiet ta' Malta. Targumenta li l-appellanti kellhom kull opportunita li jitolbu r-rikuża ta' Zammit waqt li l-proċess kien għadu quddiem it-Tribunal u minflok qed jużaw dawn il-proċeduri sabiex jippruvaw jattakkaw id-deċiżjoni tat-Tribunal. Isostnu li l-appellanti bl-ebda mod ma ppruvaw il-parzjalita ta' Alexander Zammit kontra tagħhom għaliex il-fatt li membru tat-Tribunal kien impjegat tal-Awtorita tal-Ippjanar fih innifsu ma joħloqx presunzjoni ta' parzjalita. Tgħid li mhux talli m'hemm xejn fil-liġi li twassal biex tgħid li membru tat-Tribunal ma jistax ikun ex impjegat tal-Awtorita talli saħansitra l-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 551 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li tnejn mill-membri għandu jkollhom għarfien sew fi ħwejjeġ dwar l-ippjanar tal-iżvilupp. Isostnu li l-appellanti naqsu milli juru l-eżistenza ta' sitwazzjoni konkreta ta' parzjalita ta' membru iżda qed jistrieħu biss fuq possibilitajiet astratti ta' preġudizzju.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Dan l-aggravju tal-appellanti jirrigwarda wieħed mill-membri tat-Tribunal li ddeċieda l-appell in kwistjoni, u ċioe Alexander Zammit. L-appellanti jsostnu li Alexander Zammit kien impjegat tal-Awtorita tal-Ippjanar fiż-żmien meta ġie trattat u deċiż l-appell, u dan billi kien qiegħed fuq *unpaid* leave mill-impjieg tiegħu mal-Awtorita tal-Ippjanar, li skont huma joħloq dubbji dwar l-indipendenza u l-imparzjalita tiegħu u jwassal għal ksur tal-prinċipju ta' ġustizzja naturali *nemo iudex in causa propria,* kif ukoll id-dritt ta' smigħ xieraq.

Il-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa manifestament infondat. L-atturi stess jgħidu li Alexander Zammit kien impjegat mal-Awtorita tal-Ippjanar u mhux tal-Awtorita għall-Ambjent u r-Riżorsi. Għalhekk l-argument tagħhom li Zammit kien impjegat ta' waħda

mill-partijiet fl-appell ma jreġix għaliex l-Awtorita tal-Ippjanar ma kinitx waħda mill-partijiet fl-appell. Il-Qorti tqis għalhekk li m'hemm l-ebda raġuni sabiex tkompli tinvesti f'dan l-aggravju, ġaladarba jirriżulta infondat anke mill-argumentazzjoni tal-appellanti stess.

Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**It-Tieni Aggravju**

Permezz ta' dan l-aggravju l-appellanti jilmentaw li t-Tribunal kien żbaljat fid-deċiżjoni tiegħu dwar il-mod kif il-Professur Victor Axiak, esprima ruħu favur l-approvazzjoni tal-applikazzjoni tal-ippjanar, kif ukoll fuq l-istudju tal-EIA, kif ukoll il-miżuri ta' mitigazzjoni proposti, kif ukoll ir-rapport finali. L-appellanti jsostnu li l-Professur Axiak kellu opinjoni fissa fuq l-imsemmija u għalhekk ma kienx imparzjali, u dan minkejja l-fatt li l-istudji li saru ma kinux kompleti u/jew ħolistiċi. Jargumentaw li matul il-kors tal-appell quddiem it-Tribunal irriżulta li c-chairman tal-Awtorita tar-Riżorsi u l-Ambjent, u ċioe il-Professur Victor Axiak, kien preżenti bħala membru tal-Bord tal-Ippjanar u vvota favur l-applikazzjoni bin-numru PA3807/2017 fil-laqgħa tal-20 ta' Settembru 2018, u ssusegwentement reġa vvota favur ir-rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatti Ambjentali u l-posizzjoni tad-Direttorat tal-Awtorita għall-Ambjent u r-Riżorsi meta l-Bord tal-istess Awtorita iltaqa' biex japprova l-istess. Jgħidu li dan għamlu minkejja li kien diġa esprima ruħu pubblikament favur il-proġett in prinċipju u wera biċ-ċar li kien predispost jikkunsidrah f'dawl pożittiv, u għalhekk il-poisizzjoni tiegħu ma kinitx tenibbli tenut kont li kien diġa esprima ruħu fuq il-kwistjoni u t-Tribunal kien żbaljat meta kkonsidra li l-vot tal-Professur Axiak fuq il-Bord tal-Awtorita tal-Ippjanar ma influwenzax il-vot tiegħu fuq il-Bord tal-Awtorita appellata. Jargumentaw li r-rapport approvat jikkostitwixxi konsultazzjoni jew "clearance" tal-Awtorita appellata sottomess lill-Awtorita tal-Ippjanar li abbażi tiegħu l-Awtorita appellata irrakkomandat approvazzjoni tal-iżvilupp u għalhekk ir-rapport u l-"clearance" tal-Awtorita appellata li vvota favur tagħhom il-Professur Axiak huma kollha parti minn katina fil-proċess li wasslu għall-approvazzjoni tal-permess in kwistjoni, u għaldaqstant dan kien vot importanti u determinanti u trid tkun inġenwu biex issostni li vot favur dan ir-rapport u l-*clearance* tal-Awtorita appellata huwa distint u kompartmentalizzat mill-proċess u eventwali vot favur l-iżvilupp. Iżidu li inoltre l-Professur Axiak ivvota favur ir-rapport u l-"clearance" meta lanqas biss kellu a disposizzjoni tiegħu studji adegwati, suffiċjenti u idoneji. Isostnu li għalhekk l-

imparzjalita oġġettiva tal-Professur Axiak hija nieqsa, għaliex kwalunke osservatur raġonevoli jipperċepixxi dubji dwar kemm hu probabli li l-Professur Axiak kien ser jikkontradixxi l-vot, l-inklinazzjoni u l-espressjoni tiegħu preċedenti fuq il-proġett.

Il-Permit Holder db San Gorg Property Limited twieġeb li il-Bord tal-Awtorita appellata ma ħa l-ebda deċiżjoni fuq xi materja li kienet tobbliga lill-membri tagħha b'xi obbligi kif isostnu l-appellanti, għaliex ir-rwol tal-Awtorita appellata huwa parti integrali mill-proċess tal-Ippjanar u fl-aħħar mill-aħħar id-deċiżjoni tittieħed mill-Awtorita tal-Ippjanar. Issostni li r-rwol tal-Awtorita appellata fil-proċess tal-ippjanar mhuwiex differenti mir-rwol ta' entitajiet oħra li jkunu parteċipi fl-ipproċessar ta' applikazzjoni ta' żvilupp u ħadd ma jista' jippretendi li dawn l-entitajiet, meta jiġu kkonsultati, huma marbutin bi prinċipji ta' ġustizzja naturali peress li l-kontribut tagħhom huwa fil-kapaċita esperta tagħhom u ma japprovaw xejn. Jargumentaw li la oġġettivament u lanqas suġġettivament ma hemm xi kunflitt fl-irwol tac-Chairman tal-Awtorita appellata li b'xi mod illeda xi dritt tal-appellanti għaliex fl-aħħar mill-aħħar il-Bord kien qiegħed jara *update* tal-Valutazzjoni oriġinali, u ma kien hemm l-ebda raġuni għalfejn ic-Chairman ma setax jippresjedi il-laqgħa li fiha l-Awtorita appellata approvat ir-rapport tagħha dwar il-Valutazzjoni tal-Impatti Ambjentali.

L-Awtorita appellata twieġeb li l-appellanti qed iħawwdu żewġ proċessi li huma distinti u separati minn xulxin. Tgħid li l-ġudikat tas-sentenza deċiża fid-19 ta' Ġunju 2019 kien intiż għal u jorbot lill-membri tal-Bord tal-Ippjanar ikkonsidrat li l-Qorti speċifikatament irreferiet għal "aġġudikazzjoni mill-ġdid ta' dan il-proġett" filwaqt li hija ma taġġudikax il-proġett għaliex dik hija l-mansjoni tal-Awtorita tal-Ippjanar. Targumenta li bir-raġunament tal-appellanti il-membru li jirrappreżentaha fuq il-Bord tal-Ippjanar għandu dejjem jirrikuża ruħu meta l-Bord tal-Ippjanar ikun qed jiddeċiedi applikazzjoni li tkun għaddiet mill-proċess ta' Valutazzjoni tal-Impatti Ambjentali. Isostni li l-Bord tagħha huwa munit b'persuni integri li huma esperti fl-oqsma rispettivi tagħhom. Iżżid li skont l-artikolu 13 tal-Kapitolu 549 tal-Liġijiet ta' Malta ir-rikuża ta' membru tista' ssir biss fejn il-membru nnifsu jkollu kunflitt ta' interess u bl-ebda mod ma tista' tiġi mwessa sabiex tkopri dak li qed jippruvaw jimponu l-appellanti, u ċioe li membri tal-Bord ma jistgħux jiddiskutu iżjed minn darba fl-istess forum qua membri tal-Bord l-istess studju jew emendi tiegħu, u li l-liġi ma tipprovdi l-ebda mekkaniżmu sabiex il-Professur Axiak jiġi sostitwit fuq il-Bord li kieku rrikuża ruħu.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Permezz ta' dan l-aggravju l-appellanti qed jilmentaw li t-Tribunal kien nieqes mill-imparzjalita meħtieġa għaliex ic-Chairperson tiegħu, u ċioe il-Professur Victor Axiak, preżenti bħala membru tal-Bord tal-Ippjanar u vvota favur l-applikazzjoni bin-numru PA3807/2017 li titratta l-istess proġett. Skont l-appellanti, apparti l-kwistjoni dwar in-nuqqas ta' imparzjalita, il-preżenza tal-Professur Axiaq fuq il-Bord tal-Awtorita appellata kienet ukoll mhux konformi ma' dak deċiż minn din il-Qorti fis-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2019.

Il-Qorti tibda billi tosserva li l-appellanti naqsu milli jressqu dan l-ilment fil-mument propizju. Meta l-Bord tal-ERA għamel il-valutazzjoni finali tal-VIA in kwistjoni fl-2021, li kien jinvolvi aġġornament ta' VIA li kien ġia sar, kienet inżammet laqgħa pubblika kif rikjest mill-liġi fejn il-Bord kien spjega l-għan tal-laqgħa u r-raġuni għalfejn kien hemm bżonn li ssir valutazzjoni oħra minħabba l-aġġornament li kien sar fl-VIA. Dakinhar il-pubbliku kien ingħata l-opportunita li jressaq l-opinjonijiet u s-sottomissjonijiet tiegħu iżda ħadd ma għamel xi intervent, inkluż biex jopponi l-presenza tal-Professur Axiaq fuq il-Bord. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan jimmilita ferm kontra l-argument tal-appellanti għaliex jagħti lil din il-Qorti x'tifhem li l-appellanti ħassuhom aggravati bil-presenza tal-Professur Axiaq fuq il-Bord biss minħabba l-eżitu tal-valutazzjoni iktar milli għaliex verament kienu tal-opinjoni li osservatur raġonevoli seta' jkun imħasseb dwar l-imparzjalita tal-Professur Axiaq.

Il-Qorti tqis li fi kwalunke każ dan l-aggravju m'għandux mis-sewwa. Il-fatt li l-Professur Axiaq kien fuq il-Bord tal-Awtorita tal-Ippjanar fir-rigward tal-applikazzjoni għall-iżvilupp tal-proġett in kwistjoni ma jfissirx li allura kien prekluż milli jkun fuq il-Bord li kellu jiddetermina l-EIA aġġornat. L-ewwel nett bħala membru tal-Bord tal-Awtorita tal-Ippjanar il-Professur Axiaq ma kienx qiegħed jiddeċiedi fuq il-VIA. Ladarba l-proġett kien wasal quddiem il-Bord tal-Awtorita tal-Ippjanar għad-deċiżjoni tagħha dwar jekk għandux jingħata l-permess mitlub jew le, dan ifisser li fir-rigward ta' dak il-proġett kienet diġa saret VIA li ġiet approvata mill-ERA. Dan ikkonsidrat li skont il-liġi, fejn hemm il-ħtieġa li ssir VIA fir-rigward ta' proġett propost, l-Awtorita tal-Ippjanar ma tistax tgħaddi biex toħroġ il-permess meħtieġ sakemm ma tiġix sottomessa l-VIA approvata mill-ERA. L-approvazzjoni tal-VIA li tkun saret mill-esperti kummissjonati mill-applikant

hija kwistjoni li taqa' unikament entro d-diskrezzjoni tal-ERA, u l-Awtorita ma tieħu l-ebda deċiżjoni jew tagħmel l-ebda konsiderazzjoni f'dan ir-rigward. Fil-qadi tad-dmirijiet tagħha l-Awtorita tal-Ippjanar lanqas ma tagħmel xi reviżjoni tad-deċiżjoni tal-ERA dwar il-valutazzjoni tal-EIA. Għalhekk assolutament ma jistax jingħad li bħala membru tal-Bord tal-Awtorita tal-Ippjanar il-Professur Axiaq esprima xi opinjoni dwar il-VIA in kwistjoni. Imbagħad, fid-deċiżjoni li l-ERA kellha tieħu fl-2021 l-ERA ma kinitx qed tagħmel reviżjoni tad-deċiżjoni li kienet ħadet preċedentement jew tad-deċiżjoni tal-Awtorita tal-Ippjanar, iżda kienet biss qed tieħu deċiżjoni dwar l-aġġornament li kien sar fil-VIA oriġinali minħabba l-emendi li kienu saru mill-applikant fl-iżvilupp propost.

Meħud dan kollu in konsiderazzjoni din il-Qorti tqis għalhekk li fuq l-iskorta tal-provi miġjuba mill-appellanti u l-argumenti magħmula minnhom dan l-aggravju jirriżulta infondat u għaldaqstant qed jiġi miċħud.

**It-Tielet Aggravju**

Permezz ta' dan l-aggravju l-appellanti jilmentaw li t-Tribunal kien żbaljat fid-deċiżjoni tiegħu dwar l-aggravju relattiv għan-nuqqas ta' imparzjalita tal-Inġinier Marco Cremona u n-nuqqas ta' konformita mar-Regolament 17(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.46. Jargumentaw li matul il-kors tal-appell quddiem it-Tribunal irriżulta li l-Inġinier Marco Cremona kien irrenda servizzi professjonali li kienu strumentali sabiex l-applikant jirnexxilu jissanzjona illegalitajiet f'lukanda oħra fil-Mellieha, liema servizzi kienu jikkonsistu fl-installar u tħaddim ta' impjant ta' riċiklaġġ tal-ilma fl-istess lukanda, u sal-2018 l-impjant kummerċjali tal-Inġinier Cremona kien għadu jinżamm fil-lukanda tal-*permit holder*. Isostnu li din l-assoċjazzjoni professjonali matul is-snin turi li hemm nuqqas ta' konformita mar-Regolament 17(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.46 li jeħtieġ li konsulenti involuti fil-preparazzjoni tar-rapport tal-VIA ikunu professjonisti indipendenti u imparzjali. L-appellanti jargumentaw li t-Tribunal kien inġust u irraġonevoli meta ċaħad dan l-aggravju tagħhom għaliex ikkonsidra li kellu jitqajjem fi stadju ieħor tal-proċess u ċanfarhom talli qajjmu din il-kwistjoni quddiemu minflok ma indirizza n-ness stabbilit u aċċettat minnu stess bejn l-Inġinier Cremona u l-applikant u kif dan in-ness jista' jilledi fuq l-imparzjalita tal-konsulent. Isostnu li kellha tkun l-Awtorita għall-Ambjent u r-Riżorsi stess li tuża r-riżorsi estensivi tagħha sabiex tagħmel il-verifiki neċessarji u tassigura li ma jkunx hemm sitwazzjonijiet fejn l-esperti mqabbdin minnha ma jkollhomx kunflitt ta' interess, u dan partikolarment fid-dawl tal-

artikolu 17(2) tal-Liġi Sussidjarja 549.46. Jagħmlu referenza għad-deċiżjoni tat-Tribunal fl-ismijiet Flimkien għall-Ambjent Aħjar vs l-Awtorita' tal-Ippjanar u l-kjamar in kawża Mark Portelli għan-nom ta' MIDI plc u jgħidu li f'dak il-każ it-Tribunal mhux talli għamel dan l-argument li qed jagħmlu huma iżda talli kien awtorizza li jitressaq l-aggravju rigward l-imparzjalita tal-konsulent bħala aggravju ulterjuri wara li kien beda l-appell, u jsostnu li dan juri kemm tispikka l-inkonsistenza fil-mod kif ġiet trattata l-istess kwistjoni legali f'żewġ appell differenti. Fir-rigward tal-konsiderazzjoni tat-Tribunal li r-rapport ma sarx mill-Inġinier Cremona biss iżda wkoll mill-Perit Philip Grech jgħidu li dan ma jneħħix id-dubbji dwar in-nuqqas ta' imparzjalita għaliex mhux magħruf liema parti tar-rapport sar minnu u x'influwenza seta' kellu fuq il-kumpilazzjoni tar-rapport, u jżidu li fl-appell ċitat it-Tribunal kien annulla l-EIA fl-interita tiegħu minkejja li l-espert kien irrediġa biss 1/16 mir-rapport kollu.

Il-Permit Holder db San Gorg Property Limited twieġeb li ma jeżisti l-ebda dubju li l-lukanda Seabank, bħal kull lukanda oħra, kienet interessata fil-proġett ta' riċerka ta' Marco Cremona u mhux ikkontestat li fis-sena 2012 kienet ipparteċipat f'dan il-proġett ta' riċerka. Iżidu li pero mhuwiex ukoll ikkontestat li dan il-proġett qatt ma mexa l-quddiem u spiċċa fix-xejn peress li qatt ma rċieva l-approvazzjoni neċessarji mill-awtoritajiet tas-saħħa. Targumenta li l-enfażi tal-liġi hija fuq il-kwalita, l-għarfien u l-kompetenza, tant illi kemm id-Direttiva tal-Unjoni Ewropea u kemm il-liġi domestika jitkellmu dwar konsulenti li jitqabbdu u jiġu ingaġġati mill-iżviluppatur innifsu, u meta d-Direttiva titkellem fuq il-kunċett ta' kunflitt ta' interess dan tagħmlu fis-sens li l-entita li tanalizza l-Valutazzjoni tal-Impatti Ambjentali trid tkun distinta minn min ikun qed jipproponi l-proġett. Jgħidu li l-kompetenza, l-integrita u l-għerf fis-suġġett ta' Cremona huma pruvati mid-dokumentazzjoni li ġiet sottomessa. Iżidu li dan l-aggravju kien ibbażat fuq estratti minn gazzetti u l-appellanti qatt ma ressqu lil Cremona biex jixhed u qatt ma kien hemm oġġezzjoni fuqu meta kien pubblikament magħruf li kien konsulent ta' dan l-EIA, oltre li qatt ma tressaq xi terza persuna jew ġew sottomessi dokumenti biex b'xi mod juru konnessjoni bejn Cremona u l-applikant.

L-Awtorita appellata twieġeb li din il-lanjanza tal-appellanti ġiet sostanzjata biss permezz ta' erba' estratti ta' artikli ippubblikati f'gazzetti lokali li ġew preżentati fit-22 ta' Ottubru 2021, meta l-Inġinier Cremona inħatar bħala konsulent għall-istudju tal-idroloġija fl-2017, u dan il-fatt kien fid-dominju pubbliku. Targumenta li l-appellanti

ipparteċipaw fil-proċess tal-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali u għalhekk setgħu iressqu din il-lanjanza qabel. Targumenta wkoll li hija tistrieħ fuq is-self-declaration tal-konsulenti fil-proċess tal-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali u r-responsabbilita ta' din id-dikjarazzjoni hija fuq il-persuna li tkun għamlitha, filwaqt li r-rwol tal-Awtorita huwa li tara li dak il-konsulent huwa espert kompetenti fil-qasam relevanti. Dwar is-sentenza li jagħmlu referenza għaliha l-appellanti jgħidu li din mhijiex applikabbli għaliex iċ-ċirkostanzi taż-żewġ kawżi huma ferm differenti. Iżidu li fi kwalunke każ l-istudji tal-idroloġija saru flimkien mal-Perit Philip Grech, u l-appellanti ma qajmu l-ebda riżervi fir-rigward tal-integrita u l-imparzjalita tiegħu.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Dan l-aggravju tal-appellanti huwa bbażat fuq allegata konnessjoni bejn l-Inġinier Marco Cremona u l-Permit Holder, li skont l-appellanti tfisser li l-Inġinier Cremona ma kienx idoneju biex jaġixxi bħala konsulent fil-proċess tal-Valutazzjoni tal-Impatti Ambjentali minħabba nuqqas ta' imparzjalita.

Wara li rat l-atti kollha din il-Qorti taqbel mal-Awtorita appellata li dan l-ilment tal-appellanti mhuwiex suffiċjentement pruvat. Mill-atti jirriżulta li l-unika provi li tressqu mill-appellanti f'dan ir-rigward kienu biss estratti minn gazzetti lokali, il-kontenut ta' liema lanqas biss ġie kkonfermat mill-awtur tagħhom jew imqar l-editur tal-gazzetta. Agħar minn hekk l-appellanti naqsu milli jressqu bħala xhud lill-Inġinier Cremona u xhieda relevanti oħra li setgħu jagħtu lit-Tribunal u lil din il-Qorti informazzjoni relevanti b'valur probatorju suffiċjenti.

Il-Qorti tosserva li l-unika fatti minn dawk rappurtati li ġew aċċettati mill-applikanta huma biss li l-Inġinier Cremona kien ser jopera impjant għar-riċiklaġġ tal-ilma f'waħda mill-lukandi tal-applikanta iżda li dan qatt ma ġara peress li ma kinux inħarġu l-permessi meħtieġa sabiex dan l-impjant ikun jista' jiġi operat. Għalhekk mill-atti ma jirriżultax li bejn l-Inġinier Cremona u l-applikanta hemm relazzjoni tali li tista' tqajjem dubbju dwar l-imparzjalita tal-istess Inġinier. Dan partikolarment ikkonsidrat li mhux biss jirriżulta li l-impjant għar-riċiklaġġ tal-ilma effettivament qatt ma ġie operat minħabba li ma nħarġux il-permessi neċessarja iżda wkoll peress li m'hemm l-ebda prova li bejn l-Inġinier Cremona u l-applikanta qatt kien hemm xi relazzjoni ta' natura kummerċjali kif jagħtu x'jifhem l-appellanti. Dak rapportat minn ġurnalisti, li lanqas biss

ġew prodotti bħala xhieda biex imqar jikkonfermaw l-awtentiċita tar-rapporti esebiti, ma jikkostitwix prova suffiċjenti skont il-liġi biex ixxejjen l-imparzjalita ta' professjonist, għaliex fl-aħħar mill-aħħar mhuwa xejn ħlief *detto del detto*. Dan apparti illi din il-kollaborazzjoni ta' bejn l-Inġinier Cremona u l-applikanta ma tirrigwardax l-applikazzjoni li hija mertu ta' dan l-appell u għalhekk ma jistax jingħad li l-Inġinier Cremona kellu xi interess personali fil-proġett in kwistjoni.

Għaldaqstant il-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa infondat u qiegħed jiġi miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tiċħad l-ewwel, it-tieni u t-tielet aggravji tal-appell tat-terzi interessati bl-ispejjeż ta' din is-sentenza kontra tagħhom, u tordna l-prosegwiment tal-appell.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Ann Xuereb
Deputat Reġistratur